**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 7 ta' Dicembru 2022**

Numru 1

**Rikors Nru. 126/2013**

**Palm Court Ltd**

**vs**

**Direttur Generali, Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mis-socjeta attrici Palm Court Ltd (ritrattandi) wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-30 ta' Lulju 2021 li astjeniet li tiehu konjizzjoni tal-appell u iddikjaratu iritu u null;

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tar-ritrattandi huma s-segwenti:

1. Li saret applikazzjoni hazina tal-ligi ai termini tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

2. Li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta’ Lulju 2021 hi l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza ai termini tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

**L-ewwel aggravju dwar applikazzjoni hazina tal-ligi**

Jibda biex jinghad li l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jistabilixxi illi:

> Thassir ta’ sentenza ghal din ir-raguni jinghata biss meta l-qorti tapplika ligi hazina flok dik illi kienet tassew applikabbli ghall-kaz. Ma jinghatax meta l-kwistjoni tkun ’dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni’ (**Konkors ta’ kredituri ta’ Carmelo Gauci Ltd**, App 19/05/2011)
>
> L-interpretazzjoni tal-ligi ma tistax taghti lok ghal ritrattazzjoni. Sabiex ikun hemm jedd ghal ritrattazzjoni taht din id-disposizzjoni, il-qorti trid tkun applikat disposizzjoni ta’ ligi flok ohra (ara sentenza ta’ din il-qorti **Bank of Valletta plc vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et,** App 09/05/2017).

Ir-ritrattandi jispjega ruhu hekk:

> Illi kif gie espost aktar il-fuq f’dan ir-rikors, is-socejta rikorrenti mxiet fuq id-digriet tat-Tribunal u specifikament mad-digriet moghti fid-9 ta’ Frar 2021;
> Illi s-socjeta rikorrenti kienet ghotjeniet il-permess tat-Tribunal sabiex tintavola rikors u dan peress li l-appell kien minn sentenza parzjali tat-Tribunal u dan skont l-artikolu 231 tal-Kap. 12;
> Illi jidher car li l-Qorti tal-Appell naqset li tikkonsidra dan u applikat l-artikolu 46 tal-Kap. 406 liema artikolu japplika biss ghas-sentenza finali tat-Tribunal u mhux ghal dawk parzjali;
> Illi ghalhekk jidher car li l-Qorti tal-Appell kienet zbaljata fl-applikazzjoni tal-artikolu 46 meta iddikjarat li l-appell tas-socjeta attrici kien wiehed irritu u null ghax gie intavolat tardivament;

Il-Qorti tqis li r-ritrattandi ma ghandux ragun f’dan l-aggravju. Qabel xejn ghalkemm ir-ritrattandi f’dan l-aggravju jishaq fuq interpretazzjoni zbaljata tal-ligi jrid ifisser applikazzjoni hazina tal-ligi tant li hu jsostni illi f’din ic-cirkostanza japplika l-artikolu 231 tal-Kap. 12 u mhux l-artikolu 46 tal-Kap. 406, hekk kif gustament isemmi f’paragrafu 15 tal-appell tieghu.

Il-kwistjoni ghalhekk hi liema terminu ta’ appell japplika. Hu indubitat li l-appell sar wara sentenza preliminari fuq eccezzjoni tad-Direttur Generali Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar il-produzzjoni ta’ dokumenti f’dan l-istadju tal-appell u dan wara dak provdut fl-artikolu 48 (4) u (5) tal-Kap. 406 li jghidu hekk:

(4) Id-dokumentazzjoni li ghaliha jirreferu s-subartikoli (1), (2) u (3) ghandha tinzamm u tinhazen b'dak il-mod, ikun fiha dawk id-dettalji u tkun dokumentata b'dak it-taghrif, dokumenti u kontijiet murija fil-Hdax-il Skeda u dik id-dokumentazzjoni, taghrif, dokumenti u kontijiet ghandhom jinzammu ghal zmien ta' mill-anqas sitt snin minn tmiem is-sena li jkollhom x'jaqsmu maghha, jew dak il-perjodu iehor jew perjodi ohra hekk kif il-Ministru jista', f'kazijiet specjali jordna permezz ta' regolamenti: Izda, fejn denunzja tat-taxxa tintbaghat wara d-data talgheluq taghha, jew fil-kaz li persuna taghmel korrezzjoni skont lartikolu 28(1), il-perjodu ta' sitt snin previst f'dan is-subartikolu jibda jiddekorri mid-data li fiha tintbaghat id-denunzja jew id-data li fiha l-Kummissarju jircievi t-talba ghall-korrezzjoni.

(5) Il-Kummissarju jista', f'kull zmien matul iz-zmien specifikat fis-subartikolu (4), jehtieg lil kull persuna li tipproduci, jew jista' jeleva minghand kull persuna, inkluz terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika mehtiega li jinzammu minnha bis-sahha ta' dan l-artikolu, u jaghmel kopji taghhom: Izda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviz bil-miktub, il-persuna tkun naqset li tipproduci minghajr skuzanti ragonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tannotifika ta' dak l-avviz, hija ma tkunx tista' tithalla tipproduci dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inharget stima jew stimi provizorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Gustizzja: Izda wkoll meta titqieghed fiducja fuq xi persuna ohra sabiex din twettaq xi bicca xoghol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiducja jew xi dewmien jew inezattezzi mill-persuna li jkollha lfiducja ma jitqiesx li hija skuzanti ragonevoli ghall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu

Ir-ritrattandi qed jghid li l-appell jiskatta skont kif provdut fl-artikolu 231 tal-Kap. 12 li jghid hekk:

231. (1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell: Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jinghata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iz-zmien biex jigi prezentat lappell relattiv ghandu jibda ghaddej mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh.

Fil-fatt isostni illi hu ghamel talba lit-Tribunal Amministrattiv fil-25 ta' Novembru 2020 biex ikun jista' jappella fit-terminu ta' sitt ijiem mis-sentenza tad-19 ta'

Novembru 2020 liema talba giet milqugha mit-Tribunal fid-9 ta' Frar 2021 u l-appell li qed jigi ritrattat gie introdott fis-16 ta' Frar 2021.

Id-Direttur Generali, kif konfermat mill-Qorti tal-Appell sostna li t-terminu ghal kwalsiasi appell minn sentenza tat-Tribunal jiskatta kif provdut fl-artikolu 47(1) u ghalhekk dan hu t-terminu li kellu jigi rispettat.

Ir-ritrattandi ma ghandux ragun fl-argument tieghu ghax ligi specjali tiprevali fuq il-ligi generali. L-artikolu 47 jaghmilha cara bla ebda distinzjoni bejn sentenza parzjali jew sentenza finali li kull sentenza hi appellabbli fuq punt ta' ligi fi zmien tletin jum mid-data tas-sentenza. Ma hemmx interpretazzjoni ohra ta' dan l-artikolu hlief li l-appell mis-sentenza preliminari kellu jsir fi zmien tletin jum mid-data tas-sentenza. L-artikolu 231 tal-Kap. 12 hu irrilevanti ghal kwistjoni kif inhu d-digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Frar 2021 li ma jista' jbiddel xejn minn dak li trid il-ligi.

Ghalhekk l-aggravju hu bla mertu.

**It-tieni aggravju dwar zball li jidher mill-atti jew dokumenti**

Ir-ritrattandi jallegaw illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew id-dokumenti skont artikolu 811(l) tal-Kap. 12. Fi kliem iehor dak li qed jallega r-ritrattand hu li jezisti zball ta' fatt fis-sentenza fejn is-suppozizzjoni ta' fatt li l-verita tieghu hi bla dubju eskluza jew suppozizzjoni li ma jezistix fatt li l-verita tieghu tkun stabbilita pozittivament.

Ma jistax pero r-ritrattand f'dawn il-proceduri ta' natura eccezzjonali jittanta jressaq appell mill-gdid fuq fatti u argumenti gia spjanati u decizi mill-Qorti tal-Appell. L-artikolu 811(l) mhux intiz ghal dan l-iskop kif del resto mhux intiz ghal dan l-iskop il-kawzali kollha ta' ritrattazzjoni fl-artikolu 811 tal-Kap. 12.

Kif tghid il-gurisprudenza, zball ta' fatt li jaghti lok ghar-ritrattazzjoni jrid jirrelata ghal punt li ma giex kontestat, diskuss u deciz mill-Qorti, u jrid ikun wiehed materjali, manifest u li jirrizulta mill-atti nfushom, ghaliex mhux permess li jitressqu provi biex jippruvaw tali zball. Minbarra dan, l-izball ma jridx ikun

relattiv ghall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza li qieghed jintalab it-thassir taghha ghaliex dan mhuwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Rosa Fenech vs Jane sive Giovanna Cini et**, (App 15/07/2019):

> l-izball li jwassal ghat-thassir ta' sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza irid ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, inghad li ma hemmx lok ghat-thassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi mod iehor imwiezna b'ragunijiet ohrajn indipendenti minn tali zball. Fuq kollox, ma tithalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt zbaljat ikun punt li gie ikkontestat u deciz fis-sentenza attakkata

L-ewwel Qorti qalet hekk dwar il-kwistjoni imqajjma mir-ritrattandi:

> Il-Qorti tghid li d-Direttur Generali appellat ghandu ragun u taghraf li d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu 47(1) tal-Kap. 406 huma perentorji. Filwaqt li jistabbilixxu t-terminu tal-appell ta' tletin jum, jirrikjedu li tali terminu ghandu jibda jiddekorri mill-jum meta l-parti appellanta tkun giet notifikata bid-decizjoni appellata. Il-Qorti qieghda tqis li dan il-jum m'ghandu jkun xejn ghajr dak meta nghatat is-sentenza appellata fid-19 ta' Novembru, 2020 fl-awla tat-Tribunal, u dan kif jixhed il-verbal tat-Tribunal ghas-seduta ta' dakinhar. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-appell kif intavolat mis-socjetà appellanta fis-16 ta' Frar, 2021 huwa tassew tardiv, u ghal din ir-raguni l-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.

Ir-ritrattandi jissottometti illi l-Qorti tal-Appell kienet zbaljata in kwantu ma qisitx dak li jghid b'mod mandatorju l-artikolu 47(1) tal-Kap. 406, cioe li t-terminu tal-appell jibda jiddekorri mid-data li fiha l-appellant ikun gie notifikat bid-decizjoni tat-Tribunal. Hu car illi fil-verbal tat-Tribunal tad-19 ta' Novembru 2020 meta inghatat is-sentenza l-appellant ma kienx prezenti izda kien prezenti biss l-avukat tieghu. Ghalhekk ir-ritrattandi jsostni li t-terminu tal-appell fil-konfront tal-appellant qatt ma skatta kif irid l-artikolu 47(1).

Din il-Qorti ma taqbilx mar-ritrattandi. Jinghad bhala premessa li din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tal-Qorti tal-Appell li t-terminu tal-appell skatta dak in-nhar tas-sentenza skont il-verbal tal-istess Tribunal. Dak in-nhar tas-sentenza l-avukat tal-appellant kien konxju li inghatat sentenza imma l-ligi trid notifika lill-appellant biex ovjament id-dritt ta' smigh xieraq ikun sodisfatt ghax l-appellant

ikun mgharraf bid-decizjoni li minnha jista' jappella skont kif tipprovdi l-ligi. Jqum il-kwezit dwar it-tifsira ta' 'notifika'. Hi l-fehma tal-Qorti illi trid issir prova cara u inekwivoka li l-appellant kien jaf bl-ghoti tas-sentenza u konferma tan-notifika. F'dan il-kaz l-appellant ressaq rikors biex jappella mis-sentenza parzjali/preliminari tat-Tribunal fil-25 ta' Novembru 2020. Kwindi din hi prova cara u inekwivoka li l-appellant kien jaf bis-sentenza u ghalhekk skattalu t-terminu tal-appell skont l-artikolu 47(1) tal-Kap. 406. Li l-appellant ghazel triq ohra biex iressaq appell kienet ghazla tieghu u jekk din it-triq ma kinitx dik imsemmija mil-ligi ma taghmel ebda differnza ghal konkluzjoni inevitabbli li l-appell sar ben oltre t-tletin jum li beda jiskatta milll-25 ta' Novembru 2020.

Kwindi dan l-aggravju wkoll ma fihx gustifikazzjoni.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-30 ta' Lulju 2021 u kwindi tikkonferma fis-shih is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri. Spejjez ghas-socjeta ritrattandi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur